# Il-Kalejdoskopju Poetiku ta' Lillian Sciberras

Olivia Borg

## Introduzzjoni

Għalkemm Lillian Sciberras (1946-) ma pproduċietx volum qawwi ta' xogħlijiet letterarji, nistgħu ngħidu li l-pinna u l-leħen tagħha xorta jistħoqqilhom jitpoġġew taħt il-lenti kritika għall-merti lingwistiċi, stilistiċi, emottivi u tematiċi kbar li għandhom. Il-leħen poetiku ta' Sciberras jgħaddi minn żvilupp li jibda mis-snin sebgħin bil-poeżiji li dehru f'*Wara r-Repubblika: Versi* (ippubblikat flimkien ma' Mario Vella) u jasal sa żmienna bil-pubblikazzjoni tal-ġabra poetika *Klessidra*. Huwa evidenti li dan il-leħen, mal-mixja tad-deċennji, jittrasforma l-aggressjoni u t-ton femminista u konfrontattiv tiegħu, f'leħen aktar delikat u armonjuż. Fi kliem Marlene Saliba, poetessa oħra tal-istess ġenerazzjoni, fil-poeżiji miktuba wara l-ġabra *Wara r-Repubblika: Versi* u aktar u aktar f'dawk reċenti, it-ton huwa "aktar kwiet u mhuwiex apertament kritiku."

## 1. Il-Konfront kontra s-Soċjetà Patrijarkali

Minkejja li l-femminiżmu f'Malta ma nistgħux ngħidu li qabad sew, Lillian Sciberras tipproblematizza l-qagħda tal-mara fis-soċjetà b'mod mill-iktar

dirett. Sciberras tisħaq li l-moviment femminista f'Malta ma kienx "b'saħħtu ħafna żgur." Però tissokta billi tenfasizza:

> Biss biss il-moviment femminista jista' jkun li fil-bidu kien magħmul mill-irġiel iktar milli min-nisa stess, għandi f'moħħi lil Manwel Dimech pereżempju u oħrajn anke meta forsi ħadna l-vot jista' jkun li forsi kien hawn ftit nisa li qegħdin isejħu għalih imma l-biċċa l-kbira naħseb kien *fait accomplit* tal-irġiel fil-Parlament. Però jiena stess kont parti fis-snin sebgħin minn movimenti li konna nqisu ruħna femministi. Kien hemm il-Moviment għall-Emanċipazzjoni tal-Mara pereżempju, li kont attiva fih mhux ħażin [...]. (Borg 14)

Madankollu fid-diskors ta' Sciberras tinħass il-pożizzjoni l-ġdida li ġejja mill-ħeġġa għall-bidla għalkemm xorta tibqa' 'l bogħod mix-xejriet ta' moviment sħiħ għax donnu li fis-soċjetà Maltija jaħkmu l-apatija u l-indifferenza quddiem kull pass li jwassal għal xi forma ta' bidla soċjali (Cutajar 114). Hija l-istess idea li talludi għaliha fil-poeżija 'Iż-Żifna tal-Kadavri' (*Klessidra* 31) meta tirreferi għas-"saħta siekta ta' sekli barranin," frott tal-kolonjaliżmu (Sciberras u Vella 37). Sciberras tħaddem il-ħila artistika tagħha biex issieħeb l-istil mal-argument. Għalhekk, il-funzjoni alliterattiva tal-vers tevoka sens ta' tkarkir għax trid li l-qarrejja jkunu konxji ta' din l-aljenazzjoni li l-effett tagħha ilu jinħass fis-soċjetà għal bosta snin.

> Li tkun mara f'Malta qatt ma kienet ħaġa faċli. Huwa kważi impossibbli li tgħix ta' bniedma sħiħa, u li ssib oħrajn li jipprovaw jagħmlu bħalek jew li għall-anqas jifhmuk. Il-bniedma li ma ssibx lok għall-eżistenza fi ħdan in-normi tradizzjonali tfittex li twarrab jew issib ruħha 'mwarrba mill-kurrent normali tal-ħajja'; waqt li l-limitazzjonijiet imposti fuq is-sesswalità umana f'soċjetà ddominata kif inhi minn ideoloġija u prattika eterosesswali u maċista jweġġgħu u jumiljaw lil min jaħsibha jew jipprattika xort'oħra. (Sciberras, Daħla 21)

Huwa "impossibbli li tgħix ta' bniedma sħiħa" għax għaliha l-mara hija aktar minn dak kollu li twettaq jew minn dak kollu li hu mistenni minnha (Micallef, 'Is-Sensibilità Femminili' xxxii-xxxiii). Sciberras tixxennaq biex tara l-figura femminili meħlusa mir-restrizzjonijiet soċjali u kulturali li jaħbu l-potenzjal

tagħha. Tipproblematizza wkoll il-kunċett tan-"normalità" għax din ukoll hija kostruzzjoni soċjali u ma teżistix normalità oġġettiva għax kull individwu jqis in-normalità bħala xi ħaġa suġġettiva fis-sens li japplikaha għal ħajtu mill-perspettiva individwali tiegħu.

Sciberras tpoġġi quddiemna s-soċjetà Maltija fis-snin sebgħin li fiha l-istat kien il-figura ta' awtorità u jekk l-ideal tal-mara ma kienx ikun konformi man-normi kienet taf li jew twarrab minn jeddha jew eventwalment tisfa' mwarrba. Għalhekk ħafna drabi l-vuċi tagħha jew ma tinstemax jew rari kienet tkun vuċi awtentika għax l-ideoloġija tal-istat kienet tfittex li taħbi l-identità femminili fin-normalità tad-diskors istituzzjonalizzat u soċjalment aċċettabbli. Diskors bħal dan rari kien jinstema' fil-pubbliku jew jidher fil-kotba tal-letteratura iżda f'Sciberras l-attiviżmu u l-aspett letterarju huma minsuġa flimkien.

## 2. Leħen Kritiku quddiem il-Veritajiet Soċjali tal-Pajjiż

F'"Il-Ballata tal-Ballata' naraw il-mara servili, staġnata f'pożizzjoni waħda u mingħajr ebda ħeġġa biex tqum għad-drittijiet tagħha:

> Għandi żewġi isawwatni
> Kelli ibni daħak bija
> Kelli saħħti ħaduhieli
> Batejt mindu kont tarbija
> (Sciberras u Vella 63)

Il-mara mhux biss hija fqira finanzjarjament imma hija wkoll nieqsa mis-saħħa fiżika riżultat tal-isfruttament. Hija skjava tad-dar u tal-familja fuq il-livell individwali, kolonjali, u tas-soċjetà Maltija fuq il-livell kollettiv; sitwazzjoni mwiegħra li jirrikonoxxiha anke Francis Ebejer meta jgħid "*our women's situation then looked just like another form of colonialism: an inner social colony within a political colony.*"

Però minkejja t-tbatija tal-mara u s-sottomissjoni tagħha għal qawwiet aktar b'saħħithom, f'Sciberras hemm l-għajta tal-protesta:

jew inbus 'l id li titmagħni
jew flimkien man-nisa l-oħra
ngħaqqad ponn f'wiċċ min jerdagħni
(Sciberras u Vella 64)

Sciberras tipprova ġġib lill-qarrejja konxji mill-viżjonijiet kuntrastanti li kienu jeżistu fis-soċjetà dwar il-mara fis-sebgħinijiet. Għalhekk, din tagħha hija kitba sinċiera u realistika, aktar u aktar meta hi stess tisħaq li:

[...] fis-snin sebgħin kont titkellem pereżempju li n-nisa għandhom ikunu parti mid-dinja tax-xogħol kienu jgħidulek'imma l-mara m'għandhiex tagħmel xogħol manwali' mentri fil-verità diġà kellna ħafna nisa li jaħdmu fl-għelieqi, ħafna nisa li jballtu l-bjut pereżempju. [...] Mhux qed ngħid li n-nisa għandhom jagħmlu *manual labour* iebes imma qed nipprova ngħid 'isma' ma nkunux ipokriti, diġà kienu jeżistu dawn l-affarijiet. (Borg 290)

Drabi oħra Sciberras tagħtina l-isfond politiku f'pajjiż barrani biex iservi ta' mera għal dak li kien qed iseħħ f'Malta. Il-poeżija 'Lill-Mara Ċilena' hija parallela għall-poeżija 'Il-Ballata tal-Ballata'; l-ambjent oppressiv u l-esplojtazzjoni tal-ħaddiema tal-Amerka t'Isfel kienu komuni wkoll f'Malta. Il-poeżija hija miżgħuda b'waqtiet ċiniċi u sarkastiċi li taħthom jaħbu l-uġigħ tad-dgħajfin:

Ġew is-suldati, it-truppi, il-pulizija:
arresti, biża', torturi u moħqrija –
rigali mingħand l-għonja tal-pajjiż,
is-CIA, u l-borgeżija
(Sciberras u Vella 51)

Il-kuntrast bejn il-klassijiet soċjali joħroġ l-aktar permezz tal-ġustapożizzjonijiet, il-poter *vis-à-vis* il-faqar, il-mogħdrija *vis-à-vis* il-kefrija.

Ħadu magħhom lill-mara twajba
f'kamp tal-konċentrament.
Urewha l-qawwa u l-ħruxija

tal-banek tal-investiment
tal-kapital, tal-militar, u ta' sid l-art
(Sciberras u Vella 52)

F'din il-poeżija mhux talli għandna l-mara li hija nieqsa mill-involviment fl-oqsma pubbliċi imma hija nieqsa wkoll mid-dinjità tagħha bħala bniedma tant li lanqas meta mietet ma ngħatat trattament xieraq. Il-mewt hija l-mezz uniku li bih il-batuti jinħelsu minn din id-dinja inġusta għax "għall-mistrieħ ma' sħabha ġiet midfuna, / mingħajr testment, mingħajr anqas kuruna" (Sciberras u Vella 52). Madankollu, fil-poeżija ta' Sciberras toħroġ it-tama għax waqt li l-forzi tal-Gvern u l-klassi l-għolja huma b'saħħithom f'din id-dinja, fid-dinja l-oħra se jkunu t-"telliefa"[1]. Din il-mara Ċilena, Dolores, li batiet tul ħajjitha kollha, Sciberras timmudellaha fuq ir-rappreżentazzjoni Kattolika tad-Duluri li sofriet fis-skiet u eventwalment kienet igglorifikata u meqjuma.

Temmen li llum il-ġurnata wkoll mhix faċli li tkun mara f'Malta u fil-fehma tagħha l-problemi "Libsu libsa aktar moderna" (Borg 109). Tisħaq fuq id-djalogu u l-koperazzjoni u trid li d-duwalità tissarraf f'kumplimentarjetà u mhux f'dikotomija. Dan taċċenna għalih sa mill-1975 fl-artiklu tagħha 'Women and Maltese Politics' meta tgħid li "*Ultimate emancipation will come by working as partners with men, not separately from them*" (Sciberras, 'Women' 382). Anke llum il-ġurnata, Sciberras tgħid:

> Però naħseb li għadni nemmen li jrid ikun hemm sħubija u naħseb finalment id-djalogu jrid jirbaħ. Jiġifieri li nipprovaw nipproġettaw l-ideat tagħna lin-naħa l-oħra u n-naħa l-oħra nipprovaw nifhmuha aħjar aħna wkoll. (Borg 284)

Huwa ta' fejda li n-nisa u l-irġiel jaffermaw lilhom infushom bħala distinti minn u relatati ma' xulxin. Sciberras temmen fil-kunċetti tradizzjonali tal-maskilità u tal-femminilità iżda biss sa ċertu punt meta tgħid "Naħseb li dak li huwa bażiku li tatna n-natura, dak jibqa' dejjem parti mill-identità però f'termini soċjoloġiċi u anke politiċi naħseb li hemmhekk nistgħu nittraxxendu ..."

1 F'dan is-sens hemm diwi tal-frażi biblika "Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 14: 11) u tas-siltiet mid-diskors tal-muntanja: "Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin" u "Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5: 6, 10).

(Borg 109). Minkejja li tqis lilha nnifisha femminista xorta tisħaq li l-persona tal-mara fil-poeżiji tagħha fil-qofol tagħha tiffoka fuq l-esperjenzi tagħha bħala bniedma: "Ikolli ngħid kont nipprova ngħid u għadni forsi nipprova nenfasizza iktar l-umanità. [...] għax naħseb l-għan tal-femminiżmu hu li l-mara nġibuha bniedma mhux tibqa' biss mara imma parti mill-umanità" (Borg 109).

## 3. It-Tifkiriet "ħjut tad-deheb"

Minkejja li ħafna drabi f'Sciberras tiddomina l-vuċi ta' mara matura u konxja min-nuqqasijiet tas-soċjetà li tgħix fiha, spiss insibu wkoll ħjiel ċar tal-preżenza tat-tifla fin-nostalġija. Il-poeżija 'Fil-Kaxex tat-Tfulija' (*Klessidra* 34) hija mfawra b'liriċiżmu nostalġiku ħiereġ minn qalb li qed tixxennaq li terġa' lura lejn dan iż-żmien li għadda u ma jerġax jiġi. Huma poeżiji li fihom tirrenja s-serenità mħallta ma' sens qawwi ta' ħelsien. Sciberras timraħ fid-djarju ta'ħajjitha waqt li tfittex f'dawk l-irkejjen li b'xi mod baqgħu stampati fil-memorja tagħha. Tħares lejn l-imgħoddi mill-bogħod u meta tqabblu mal-ħajja adulta bil-problemi u l-preokkupazzjonijiet kollha tagħha, it-tfulija tinħass li hija fażi memorabbli għax magħha ġeneralment norbtu l-innoċenza u n-nuqqas ta' ħsieb.

F'dawn il-poeżiji dwar il-familja, Sciberras tfittex li tiċċelebra s-"snin tad-deheb" ta' familtha li sfortunatament, mal-passaġġ taż-żmien, spiċċat frammentata mill-id tal-mewt li ma taħfirha lil ħadd (Sciberras, 'How I Write'). Huwa evidenti li Sciberras temmen li l-ħajja wara l-mewt għad xi darba tgħaqqadha mal-familjari li m'għadhomx magħha. Kif jidher fl-eleġija 'Versi tal-Fejqan' il-ħajja eterna hija deskritta bħala stat ta' ħelsien mill-weġgħat ta' din id-dinja għaliex b'kuntrast, l-eternità hija "dinja msaħħra" (Sciberras, *Klessidra* 60). Fil-lirika ta' Sciberras "hemm tiftixa għall-emozzjonijiet il-kbar fil-ġesti ż-żgħar" (Grima 23). Paradossalment, hija l-bluha li minkejja li f'dinjitna m'għadx fadlilha siwi għal Sciberras "hemm postha wkoll / għax għoqodna din taf tħoll" (Sciberras, *Klessidra* 66). Preċiżament

> [...] l-iċken waħda fostna
> setgħet tqegħedna kollha f'postna
> għax hi biss, ta' għaxar xhur,

taf bl-imgħoddi w bil-futur,
bil-misteri tas-smewwiet,
u b'tal-ħolqien l-għeġubijiet.
(Sciberras, *Klessidra* 65)

Anke l-ġenna tagħha hija sempliċi għax "ma tidhirx li hi post kbir imdawwal u mimli vuċijiet anġeliċi iżda tikkonsisti minn dik ir-rokna ċkejkna u familjari (il-bitħa) fejn tista' ġġedded l-imħabba kbira u eterna lejn ommha" (Xuereb). F''Tifkira' Sciberras tippreżenta ħajjet il-bniedem bħala ċiklu, u l-mewt bħala ritorn lejn il-bidu, bidu madankollu, mhux daqstant familjari, "triq moħbija" li eżistiet minn dejjem u li aħna, għax limitati fil-fakultajiet loġiċi tagħna ma nintebħux biha; allużjoni għall-idea biblika li trab kont u trab terġa' ssir. Din l-idea ta' ritorn tidher ukoll f''Għal Carmen Marida' li fiha l-poetessa tikkuntenta bil-fatt li l-ġenna tkun tixbah

imqar xi ftit,
dawk il-waqtiet tad-deheb
li għexna fi tfulitna.
(Sciberras, *Klessidra* 103)

Hija l-poetessa li tikkuntenta anke bis-silenzju għaliex taf "li sikwit l-aqwa affarijiet ma jingħadux bil-kliem" (Grima 12). Għaliha, is-silenzju huwa f'loku biex tidħol f'sintonija senswali u fi djalogu spiritwali ma' missierha f''Tifkira II' għaliex qabel kull definizzjoni li jista' jkollha, il-letteratura "hi l-vuċi tal-qalb" (Portelli 30). Din l-idea taċċenna għaliha Sciberras stess, anke jekk b'mod impliċitu, fil-poeżija 'Statistika' meta tistqarr li r-reġistru pubbliku jaf kollox fuq kulħadd iżda ma jagħrafx dak li hu essenzjali għax m'għandux aċċess għal "dak it-tagħrif mistur, maqful / fil-qalb ta' ġewwa" (Sciberras, *Klessidra* 89). Skont Oliver Friggieri, "Hi poeżija ta' tħassib li fiha l-emozzjoni hi mrażżna jew implikata bħala reazzjoni għat-test" (Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija* 124). Imsieħba ma' din l-osservazzjoni tispikka l-enfasi rikorrenti ta' Sciberras fuq l-għajnejn li jingħad li huma t-twieqi tal-qalb f'poeżiji bħal 'Ġieli f'Għajnejk' (2011) li fihom tilmaħ spettru ta' emozzjonijiet bħall-imħabba, id-disprament, il-qilla u l-kurżità:

F'għajnejk ukoll jien smajt il-ħsejjes
ma jiqfux li jgħixu ġewwa fik
jidħaddtu l-ilsien silenzjuż
li tifhem biss widnet ir-ruħ.
(Sciberras, *Klessidra* 105)

Friggieri jemmen li "L-attenzjoni mogħtija lill-irqaqat jew aspetti minsija turi li hi qiegħda tfittex is-sens moħbi taħt l-affarijiet osservati" (Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija* 124). L-attenzjoni għad-dettall li aktarx parzjalment twarrdet mix-xogħol tagħha ta' librara tidher espliċitament f'"Raqdet il-Belt' li fiha Sciberras tiddeskrivi l-attività kontinwa li tikkaratterizza lil San Ġiljan. Iżda meta kulħadd siket u rrenjat is-serenità, hi setgħet tosserva l-kumplessità f'dak li sfortunatament, f'dinja mgħaġġla, sar trivjali. Osservat "xemgħat dejjiema" (il-kwiekeb) u ssaħħret bil-fatt li hemm bilanċ assolut fin-natura, meta din ma tkunx mittiefsa mill-id qerrieda tal-bniedem:

[…] f'xatt il-baħar solitarju
mewġa tellgħet mill-qiegħ arzella
u fi triqitha lura ħadet magħha
ċagħqa għal ġol-fond.
(Sciberras, *Klessidra* 83)

Bla dubju, dan ix-xenarju trankwill li faċilment tivviżwalizzah, flimkien mat-ton riflessiv, iġagħlu lill-qarrejja mhux biss iserrħu l-menti iżda anke japprezzaw is-sabiħ li paradossalment, qiegħed tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minna iżda ma nintebħux bih.

## 4. Poeżija Responsorjali

Adrian Grima jsostni li l-poeżija hija r-"rispons" tal-poetessa bħala reazzjoni għal dak li tħoss f'qalbha u tara madwarha. Grima jisħaq li bħallikieku l-kliem qed "jissara mal-esperjenzi biex jirrakkontahom, biex joħloqhom" (Grima 12). Dan ir-"rispons" Sciberras tagħtih ukoll fil-kuntest tar-reliġjon Kattolika kollettiva

b'ton ċiniku u kumbattiv fil-poeżija bikrija u b'ton aktar kontemplattiv u personali f'poeżiji aktar reċenti, pereżempju, f'dawk li fihom tilmaħ "dawl divin / mifrux fuq l-eżistenza" (Sciberras, *Klessidra,* 'L-Għafsa ta' Jdejja' 96 ), f'dawk li fihom tiċċelebra "il-glorja tad-Divin" (*Klessidra,* 'Żewġt Iqniepen' 101) manifestata permezz taċ-ċipressa jew f'dawk li fihom tidħol f'intimità spiritwali ma' familjari li ħallewha.

L-attitudni lejn ir-reliġjon f'Sciberras inbidlet ukoll hekk kif inbidlet il-vuċi tagħha mal-mixja taż-żmien. Il-kitbiet kontemporanji tagħha, aktar milli jaddottaw twemmin devozzjonali tradizzjonali, jintelqu fuq vjaġġ fejn ifittxu tifsira fi ħdan eżistenza ikbar u fi ħdan dinja li għaddejja minn bidliet revoluzzjonarji biex tindirizza argumenti teoretikament kumplessi u soċjalment urġenti fejn it-twemmin popolari qed jitlef mis-saħħa tiegħu. It-trattament poetiku tat-tema reliġjuża huwa eżempju ta' kif is-soċjetà u l-kultura Maltija qed isiru dejjem aktar diversifikati u għalhekk qed jirriflettu identitajiet pluralisti fi żmien meta pajjiżna qed iħabbat wiċċu ma' realtajiet li qed iġibu magħhom sfidi ekonomiċi, politiċi u soċjali ġodda. Tispikka ċ-ċanfira ta' Sciberras f''It-Tnejn Strieħu bħas-Soltu' lejn ir-reliġjon invażiva mħaddna mill-ġirien tal-koppja protagonista li jinteressahom biss mill-fatt jekk kinux verament miżżewġin u "jekk ir-ruħ ta'dik suwiċidata / qattx sa ssib il-mistrieħ" (Sciberras, *Klessidra* 42) fl-eternità. Madankollu, Sciberras tiddeplora dan it-twemmin dommatiku insensittiv u indifferenti li jikkundanna aktar milli jagħder u tfakkarna, bi stqarrija li taqta' fil-laħam il-ħaj, li inizjalment, din ir-ruħ "Kitbet kliem ta' dispjaċir / lejn dinja xejn ħanina" (41). Mill-banda l-oħra, f''Lil Missierna – Bejn Dubju u Mhux' li hija varjazzjoni tat-talba magħrufa, hemm element ta' xettiċiżmu iżda hemm ukoll it-ton konfessjonali li ġej mill-fraġilità umana li paradossalment tammetti quddiem Alla li "mingħajr dik ħarstek fuqna / wisq nibża' ma naslux" (99).

Interessanti l-enfasi ta' Sciberras fuq il-'Ħarifa' definita bħala "staġun ta' trasformazzjoni" (Grima 22), fuq id-"dehra qabel is-sebħ" (Sciberras, *Klessidra* 59), fuq"'kif l-aħħar dawl / tal-jum jispiċċa fil-mudlam" (73) fuq 'Ottubru' u fuq kif taffaxxina ruħha 'Hekk kif tinħass ġol-Arja x-Xitwa' (107). Dawn l-istadji trasformattivi, minnhom infushom jindikaw dinamiċità temporali, l-istess bħall-klessidra, titlu f'waqtu għal din il-ġabra li wkoll fiha poeżiji li jixhdu leħen dinamiku mis-snin bikrija tiegħu sal-lum.

Bħal tifla, Sciberras tilmaħ fil-ħolqien meravilja u kobor bla qies kif għamel il-protagonist fi 'Storja ta' Wieħed Miċħud' (Sciberras u Vella 36). Dan l-eremit "skopra l-għerf / jitgħażżen ġewwa l-mogħdijiet tal-moħħ" (Sciberras, *Klessidra* 36). Skopra dak li kien intrinsikament fih, skopra univers li hu jifforma parti minnu stess u li aħna, sfortunatament, m'għandniex jew ma nsibux ħin napprezzawh. Dawn il-poeżiji, hekk imsejħa "tan-natura" bħal 'Ħarifa' (49), 'Ittra' (52), u 'Għanja tal-Baħar' (74) jiċċelebraw il-burdati tat-temp matul l-erba' staġuni, l-annimali fis-selvaġġ, l-ewwel xita wara s-sajf, il-kwiekeb, l-armonija bejn l-art u s-sema u l-movimenti bla heda tal-baħar. Madankollu, Sciberras ma toqgħodx lura milli ssemma' l-weġgħa tagħha meta tara ambjent naturali meqrud mill-intervent uman u għalhekk fit-'Temp tat-Terremoti' tgħid "Il-bini u dak li fadal min-natura / quddiemi jidhru irreali –" (Sciberras, *Klessidra* 90).

Il-baħar mimli ragħwa u biża' li ħa jmut
jidfen il-ħut u l-ħxejjex tiegħu
u jivvomta l-veleni li tmajnieh
lura lejna, għal fuq ix-xtut.
(*Klessidra* 90)

Inevitabbilment, Sciberras trid iġġibna konxji li anke fil-każ tal-ambjent, dak li niżirgħu, naħsdu. Din ix-xbieha ppersonifikata tal-baħar flimkien mal-alliterazzjoni tal-konsonanti /v/ huma partikolarment interessanti minħabba l-armonija bejn "il-ħoss ta' kull kelma, il-bilanċ tas-sentenza u kif din torbot ma' ta' warajha, mhux biss bħala koerenza testwali, imma anke bħala ritmu" (Zahra 53). B'rabta ma'dan, Philip Pullman isostni "*It's the sound and the taste of words that give them their savour as much as what they mean.*" L-idea jaċċenna għaliha wkoll Bernard Micallef meta jgħid li "Il-poeżija hi għażla ta' kliem qabel ma hi arranġament tiegħu" (*Mizzi* 164).

Fl-opinjoni tal-poetessa, hemm bżonn ta' ħafna tibdil fl-attitudni u fl-imġiba tagħna għax il-konsegwenzi tal-qerda tal-ambjent ma jġorrhomx biss min iħarbat. Hekk ġralha Benduwa n-Naxxarija f'"Iltiema," li qalbha tbattlet:

mit-tifsira ta' ħajjitha
għax ma tifhimx kif jista' jkun
li l-art tinqered mingħajr ħniena
waqt li l-bnedmin u l-bhejjem
isiru ltiema.
(*Klessidra* 85)

Sciberras tipprotesta kontra l-kilba għall-profitti li tiġġenera l-ispekulazzjoni tal-art li teqred kulma ssib quddiemha f'isem dak li jissejjaħ żvilupp. B'nuqqas ta' rispett, l-iżviluppaturi ħarsu lejn l-art li mhix mibnija bħala art żdingata mxennqa għal ftit konkos. Kull meta ndawru wiċċna quddiem din il-qerda – jew agħar minn hekk, ikun hemm min jipprova jiġġustifika l-qerda – ikun kompliċi ma' dak li qiegħed isir. Il-qerda tal-art mhix ġustifikabbli mill-impjiegi li din tiġġenera. Il-kejl ekonomiku mhuwiex riga li neċessarjament tkejjel il-progress.

Bħall-magni ta' fejn jaħdem,
joħloq dik il-kwota ġid għal sidien
li qatt ma jara,
jikkonsma fil-gazzetti
l-aħbarijiet tal-jum,
u kif jasal lura d-dar
jagħmel il-kontijiet
ta' paga fuq id-dieta.
(*Klessidra* 55)

Huwa dak il-poplu aljenat sal-punt li ma jintebaħx bil-gravità ta' azzjonitu; sfruttat mill-Kapitalisti u msakkar f'ġisem robotizzat imxennaq għat-trankwillità li aktarx ma jsibha qatt.

## Konklużjoni: Letteratura Esploratriċi

Oliver Friggieri hu tal-fehma li t-ton ta' Sciberras "hu sikwit it-ton tad-djarjista li jirreġistra realtajiet li minnhom għandha tingħasar riflessjoni" (*L-Istorja*

*tal-Poeżija* 124). Dan it-ton jilħaq il-qofol tiegħu fil-viżjoni eżistenzjalista li tikkaratterizza l-kitbiet l-aktar reċenti ta' Sciberras. Fi ħdan din il-viżjoni, il-bniedem anzjuż jidher fl-awtentiċità kollha tiegħu proprju għaliex jagħraf l-istat, spiss imsejken, tiegħu jew għax ma jibżax jiġi wiċċ imb wiċċ mal-paradossi li jsawruh (Micallef, *Mizzi* 156). Fl-aħħar mill-aħħar, l-ansjetà minnha nnifisha hija magħġuna f'paradoss għaliex hija evidenza ta' essri li jgħix għax ibati iżda daqstant ieħor hija wkoll evidenza tal-problematika tal-għajxien (157).

Għalhekk, dawn ta' Sciberras huma poeżiji li jolqtuna għaliex fihom nistgħu nisiltu spunt għal ħajjitna. Madankollu, għalkemm m'hemmx dubju li l-letteratura għandha rwol soċjali, ma jfissirx li qiegħda hemm biex toffrilna s-soluzzjonijiet u lanqas hija xi riga moralistika. Ifisser li qiegħda hemm biex tqanqalna billi theżżilna l-konfini tal-moralità u tnebbaħna li "l-unika ċertezza hi d-dubju" (Portelli 29). Essenzjalment, il-letteratura hija esploratriċi għax tesprimi "t-tiftix dejjiem tal-umanità" (Callus), kif jistqarr preċiżament Friggieri fil-poeżija magħrufa 'Jekk' meta jgħid li

Il-ħajja mistqosija
miġbura f'elf għaliex,
u ssirlek poeżija
jekk int ma tweġibhiex.
(*Il-Poeżija Maltija* 399)

**Il-Biblijografija**


Borg, Olivia. "Intervista ma' Lillian Sciberras." 22 ta' Ġunju 2009 f'Borg, Olivia, "Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez: Identitajiet u Perspettivi." Teżi tal-M.A., U ta' Malta, 2010. Stampata.

Callus, Ivan. Erasure. ~~BOOK~~. By Raphael Vella. Malta: Interprint, 2003. Stampat.

Cutajar, JosAnn. "The Cultural Construction of Femininity. Women's Magazines and Maltese Women." *Beyond Schooling: Adult Education in Malta*. Ed. Godfrey Baldacchino and Peter Mayo. Malta: Mireva, 1997. 111-28. Stampat.

Ebejer, Francis. *The Bilingual Writer (Mediterranean-Maltese and English) as Janus*. Malta: Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali, 1989. Stampat.

Fox, Geoff. "Authorgraph No.102: Philip Pullman." *Books for Keeps*. Internet. 26.12.14.

Friggieri, Oliver, ed. *Il-Poeżija Maltija*. Malta: Malta UP, 1996. Stampat.

—. *L-Istorja tal-Poeżija Maltija*. Malta: PIN, Kullana Kulturali, nru. 29, 2001. Stampat.

Grima, Adrian. Kaxex Umdi tat-Tfulija. *Klessidra,* ta' Lillian Sciberras. Malta: Horizons, 2014. 11-28. Stampat.

Micallef, Bernard. *Achille Mizzi: Studji.* Malta: Colour Image, 1996. Stampat.

—. Is-Sensibilità Femminili bħala Djalogu mal-Ieħor. *Iżda Mhux Biss.* Ta' Maria Grech Ganado. Malta: Printwell, 1999. vii-xxxvii. Stampat.

Portelli, Terence. X'inhi l-Letteratura (jew kważi). *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika.* Ed. Terence Portelli. Malta: Allied, 2009. Stampat.

Saliba, Marlene. "Where the rivers of cessation and renewal meet." *Maltatoday.* 29 ta' Ġunju 2014. Internet. 26.12.14.

Sciberras, Lillian. Daħla. *Wara r-Repubblika: Versi* ta' Lillian Sciberras u Mario Vella. Malta: Stamperija tal-U, 1979. Stampat.

—. "How I write." *The Malta Independent.* 7 ta' Frar 2010. Internet. 26.12.14.

—. *Klessidra: Versi taż-Żmien Maħrub.* Malta: Horizons, 2014. Stampat.

—. Women and Maltese Politics. *The Malta Year Book 1975.* Ed. Hilary A. Clews. Malta: De La Salle Brothers, 1975. 372-83. Stampat.

Sciberras, Lillian u Vella, Mario. *Wara r-Repubblika: Versi.* Malta: Stamperija tal-U, 1979. Stampat.

Xuereb, Paul. "Times past and life to come." *The Sunday Times.* 29 ta' Ġunju 2014. Internet 26.12.14.

Żahra, Trevor. *Il-Kitba Kreattiva.* Malta: Merlin Library, 2007. Stampat.